**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦIN**

**4 ta' Settembru 2013**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda l-laqgħa.

**40.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

40.1.1 Fir-rigward ta' punt 39.1.1 fejn jirrigwardja l-proġett ta' Triq San Martin, iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal illum kellu laqgħa mal-Perit William Lewis fejn qajjem il-punti kollha li kienu tqajmu fl-aħħar seduta. Ġie ffinalizzat dan li ġej:

- Laqgha mal-Mepa biex jiġi diskuss ix-xogħol li sar fi Triq San Martin **– *il-linji tat-triq/ bankina jinsabu konformi mal-linji tal-MEPA. Il-linji kienu ingħataw fis-sejna 1974 u sa din is-sena ma kienx hemm tibdil fihom.***

- survey ta' ħofra fi Triq San Martin u sorveljanza tax-xogħol li ser isir fuqha **– *kien stipulat li taħt il-ħofra hemm bir u issa tali ħofra ġiet irranġata taħt is-sorveljanza tal-Perit Lewis***

- L-*alignment* tal-bankina fi Triq San Martin – ***Ser issir l-ordni ta' xogħol għall-kumplament tal-bankina fejn m'hemmx, dejjem taħt is-sorvlejanza tal-Perit. Ser issir l-ordni tax-xogħol għall-traffic management kif imfassla mill-istess Perit.***

- Tfassil ta' *traffic island* fi Triq G M Callus – ***Kien hemm qbil mal-perit li fil-parti ta' fuq ta' Triq GM Callus issir it-traffic island mibnija u man-naħa tal-bankini jsiru biss marki tat-toroq. Ser tiġi rranġata t-traffic island li hemm it-telephone box fiha.***

- Il-Perit Lewis offra soluzzjoni fuq l-għargħar li jinġema' fi Vjal l-Indipendenza, billi titħaffer ħofra fil-fond u fuqha ssir gradilja biex jinżel l-ilma tax-xita fiha. Kien hemm qbil fuq dan ix-xogħol.

40.1.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni biex is-Sinjorina Annalisa Schembri biex kif jitlesta d-draft tar-rapport fuq it-*twinning exchange* bejn irħula żgħar barra minn Malta, jitressaq fis-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.

40.1.3 Fir-rigward ta' punt 39.1.3 iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li meta l-ħaddiema tal-koptasin reġgħu marru biex iwaħħlu t-tabelli *'no entry for heavy vehicles'* fi Triq in-Nigret, ġew imwaqqfa minn xi persuni.
Il-membru Joseph D'Amato qal li nġibditlu l-attenzjoni li jekk jitwaħħlu tali tabelli – s-servizzi tal-ġbir ta' skart, xiri ta' ċilindri tal-gas, trasport tal-iskola u servizzi oħra li jirrikjedu vetturi kbar ma jkunux jistgħu jagħddu.

Kien hemm qbil li t-tabelli li jitwaħħlu jindikaw '*no entry for heavy vehicles except to render a service'.*

40.1.4 Kien ikkonfermat li s-siġra fi Triq Nardu Sacco imma tħalla xi materjal li jrid jitneħħa bil-gaffa.

Kien ikkonfermat li żdiedet skip oħra tal-plastik fi Triq Kalang Bugeja hekk kif kien issuġġerixxa l-istess Kumitat Amministrattiv.

40.1.5 Il-Minuti tas-seduta numru 39 ġew approvati.

## *40.2 Komunikazzjoni miċ-Chairperson*

40.2.1 Inġibdet l-attenzjoni li il-fuljett 'Leħen Bubaqra' reġgħa ma kellux in-numru tal-ħarġa. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

## *40.3 Ilmenti u Suġġerimenti*

40.3.1 Ic-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li l-attivita' kulturali li ser ssir fit-28 ta' Settembru, 2013, ħoloqha l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, qed jaħdem għaliha l-istess kumitat bl-għajnuna tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina.

Il-membru Annetto Bugeja qal li :

- l-posters tqassmu fil-ħwienet u qed jinġabru l-għodod antiki li ser ikunu esebiti.
- Fil-palazz tal-misraħ ser ikun hemm wirja ta' ritratti esebiti.
- Wirja ta' karozzi antiki fi Triq ir-Rettur
- Ser ikun hemm stands bil-qubbajd, imqaret, ħelu antik u għasel.
- Ix-*shelters* mhux ċert jekk jilqux jinfetħu għall-pubbliku minħabba li għadhom qed jaħdmu fuqhom.

Kien hemm qbil li f'seduta oħra jiġu mistiedna membri mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina biex jiġu diskussi l-aħħar arranġamenti.

40.3.2 Il-membru Joseph D'Amato qal li persuna li għandha għalqa fi Triq Fortunato Dalli k/m Triq il-Qiegħa ġibdilha l-attenzjoni biex iressaq ilment lill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, sabiex tinbidel is-sistema tat-traffiku fl-akwata minħabba li meta jagħddi l-iscammel kull darba jwaqqalu l-ħajt tal-għalqa.

Kien hemm qbil li s-sistema tat-traffiku ma tinbidilx imma ninfurmaw li kuntrattur tal-ġbir tal-iskart biex ma jibqax jagħddi minn din il-parti tat-triq.

Kien hemm qbil li jsiru *double yellow lines* fil-kantunieri tal-art vojta li hemm fi Triq il-Qiegħa.

40.3.3 Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li jsir wiċċ ġdid fi Triq it-Torri fil-parti fejn hemm bżonn ħafna manutenzjoni.
Kien hemm qbil li jsir l-ordni għax-xogħol.

40.3.3 Il-membru Annetto Bugeja ressaq dawn l-ilmenti li rċieva mir-residenti:

- jitwaħħal bank f'Misraħ Santa Marija – kien hemm qbil li tinġieb l-approvazzjoni ta' sid il-Palazz biex tali bank jitwaħħal fil-viċinanzi.
- Il-pjanti tal-Misraħ Santa Marija mhux qed jissaqqu. – Kien hemm qbil li jsir rapport lill-ħaddiema kkonċernati.
- Bżonn ta' bank fejn iċ-ċimiterju – ma kienx hemm qbil li jsir tali bank għax m'hemm fejn jitpoġġa.
- Bżonn ta' bus shelter f'Bubaqra – ma kienx hemm qbil fuq il-post li għandu jitwaħħal tali *bus shelters.*
- Kien hemm tabella li tindika Triq iż-Żiju u Sqaq il-Ballot fuq pole wieħed u waħda minnhom ġiet magħqluha u ma reġgħetx twaħħlet – kien hemm qbil li jiġi investigat il-każ.

40.3.4 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri għaddiet dawn l-ilmenti:

- quddiem dar 'Ganrose' fi Triq it-Tin hemm ħofra fuq il-bankina – Kien hemm qbil li tiġi msewwija.
- Kien hemm erba' fanali mal-istatwa ta' Santa Marija fil-Misraħ u meta saret il-manutenzjoni tal-istatwa, dawn tneħħew u ma reġgħux twaħħlu. Kien hemm qbil li jiġi investigat il-każ.

40.3.5 Il-membru Joseph Caruana ressaq dawn is-suġġerimentii:

- il-bozoz ta' Triq Ħal Far għadhom ma ġewx imqabda mad-dawl għalkemm ilhom li twaħħlu
- bżonn ta' *refresh* ta' marki tat-toroq – Triq ir-Rettur, Triq Santa Marija u Misraħ Santa Marija
- tiċċeken it-traffic island ta' Triq ir-Rettur
- isir wiċċ ġdid fi Triq ta' Ciantar – fil-parti fejn hemm tarmakk imqalla

Kien hemm qbil mas-suġġerimenti kollha u qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

***40.4 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

40.4.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn 23 ta' Settembru, 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija.

- Il-laqgħa intemmet b’dan il-punt fuq l-aġenda fis-7.45 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta’ Settembru, 2013.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**